Nru./No. 21,074
Prezz/Price
€6.12

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju, 2023
Friday, 23rd June, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 6821 - 6838
Government Notices ..... *6821 - 6838*

Avviżi tal-Pulizija ..... 6838 - 6842
Police Notices ..... *6838 - 6842*

Avviżi lill-Baħħara ..... 6842 - 6845
Notices to Mariners ..... *6842 - 6845*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 6846 - 6924
Employment Opportunities ..... *6846 - 6924*

Avviżi tal-Gvern ..... 6925 - 6935
Notices ..... *6925 - 6935*

Offerti ..... 6935 - 6939
Tenders ..... *6935 - 6939*

Avviżi tal-Qorti ..... 6939 - 6952
Court Notices ..... *6939 - 6952*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 852

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar il-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2023.

L-Onor. Anġlu Farrugia ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-23 ta' Ġunju, 2023

Nru. 853

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju, 2023, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Il-21 ta' Ġunju, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 854

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv Trib Melit, MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, it-22 ta' Ġunju, 2023 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 853 tal-21 ta' Ġunju, 2023 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-22 ta' Ġunju, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 855

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Warrants ta' Nutar Pubbliku

NGĦARRFU illi l-persuni msemmija hawn taħt, wara li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Att imsemmi, ġew innominati Nutar Pubbliku b'Warrant tal-President ta' Malta.

GOVERNMENT NOTICES

No. 852

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 22nd June, 2023.

Hon. Anglu Farrugia has ceased to perform the function of President.

23rd June, 2023

No. 853

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health assumes the additional duties of Prime Minister on Thursday, 22nd June, 2023, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

21st June, 2023

No. 854

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv Trib Melit, MP, resumed duties as Prime Minister on Thursday, 22nd June, 2023, and that the arrangements made by Government Notice No. 853 of the 21st June, 2023 ceased to have effect accordingly.

22nd June, 2023

No. 855

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Warrants of Notary Public

IT is notified that the persons listed hereunder, after having complied with the provisions of the mentioned Act, have been appointed Notary Public by Warrant of the President of Malta.

Christopher Vella
Anthea Sacco Mintoff
Marie Claire Mizzi
Ilaria Mackay
Loredana-Paulette Calleja
Desirei Grech
Erica Camilleri
Thomas Luke Francalanza
Paola Cefai
Marc Edward Dimech
Valentina Chircop Troisi

Dott. Keith Francis German
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-23 ta' Ġunju, 2023

Nru. 856

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Alexia Farrugia bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Sara Ellul u dan għall-perjodu bejn it-23 ta' Ġunju, 2023 u l-4 ta' Lulju, 2023.

Illum 22 ta' Ġunju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 857

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Daniela Mercieca u dan għall-perjodu bejn id-29 ta' Ġunju, 2023 u l-14 ta' Lulju, 2023.

Illum 22 ta' Ġunju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Christopher Vella
Anthea Sacco Mintoff
Marie Claire Mizzi
Ilaria Mackay
Loredana-Paulette Calleja
Desirei Grech
Erica Camilleri
Thomas Luke Francalanza
Paola Cefai
Marc Edward Dimech
Valentina Chircop Troisi

Dr Keith Francis German
Chief Notary to Government

23rd June, 2023

No. 856

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Alexia Farrugia to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Sara Ellul for the period between the 23rd of June, 2023 and the 4th of July, 2023.

Today the 22nd June, 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 857

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Peter Fleri-Soler to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Daniela Mercieca for the period between the 29th of June, 2023 and the 14th of July, 2023.

Today, the 22nd June, 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 858

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Grima, is-Sur Matthew – L-Aja, l-Olanda

Avukati

Farrugia, Dott. Raymond
Lia, Dott. Therese
Zahra Brincat, Dott. Luca

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-23 ta' Ġunju, 2023
MJEG 21/2020/3

No. 858

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Grima, Mr Matthew – The Hague, the Netherlands

Advocates

Farrugia, Dr Raymond
Lia, Dr Therese
Zahra Brincat, Dr Luca

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

23rd June, 2023

Nru. 859

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq il-Miżħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ġużeppi Callus, Triq Xorxa, Triq Ġlormu Cassar, il-Mosta (indikati fuq il-pjanta f'paġna 6825).

Parti minn Triq il-Waqqafa, il-Mosta (indikata fuq il-pjanta f'paġna 6826).

Parti minn Triq San Ġorġ, Santa Venera (indikata fuq il-pjanta f'paġna 6827).

Triq San Pietru, l-Imġarr (indikata fuq il-pjanta f'paġna 6828).

Triq Sant'Andrija, iż-Żurrieq (indikata fuq il-pjanta f'paġna 6829).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta

No. 859

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq il-Miżħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ġużeppi Callus, Triq Xorxa, Triq Ġlormu Cassar, Mosta (indicated on site plan on page 6825).

Part of Triq il-Waqqafa, Mosta (indicated on site plan on page 6826).

Part of Triq San Ġorġ, Santa Venera (indicated on site plan 6827).

Triq San Pietru, Mġarr (indicated on site plan on page 6828).

Triq Sant'Andrija, Żurrieq (indicated on site plan on page 6829).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure

tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Lulju, 2023 u l-1 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ġużeppi Callus, Triq Xorxa, Triq Ġlormu Cassar, il-Mosta. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Lulju, 2023 u l-1 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq il-Waqqafa, il-Mosta. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Lulju, 2023 u l-1 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Ġorġ, Santa Venera. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Lulju, 2023 u l-1 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Pietru, l-Imġarr. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-3 ta' Lulju, 2023 u l-1 ta' Marzu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Sant'Andrija, iż-Żurrieq. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar għajnuna jew informazzjoni jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-23 ta' Ġunju, 2023

Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd July, 2023 and 1st March, 2024, it will be starting road works in Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq it-Torri, Triq Ġużeppi Callus, Triq Xorxa, Triq Ġlormu Cassar, Mosta. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd July, 2023 and 1st March, 2024, it will be starting road works in part of Triq il-Waqqafa, Mosta. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorized by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd July, 2023 and 1st March, 2024, it will be starting road works in Triq San Ġorġ, Santa Venera. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd July, 2023 and 1st March, 2024, it will be starting road works in Triq San Pietru, Mġarr. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 3rd July, 2023 and 1st March, 2024, it will be starting road works in Triq Sant'Andrija, Żurrieq. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'No parking' signs on site are liable to be towed.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

23rd June, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Mosta\2023 Mosta.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IL-MOSTA
Triq Xorxa - po Triq It-Torri - po Triq Glormu Cassar po Triq il-Mithna l -Qadima - po Triq Guzeppi Callus - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
Jan 2023	IM032/23	IMD008/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	2



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Fredrick Azzopardi


Comp. Path: N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Mosta\JA2019 Mosta.dwg

UNIT NAME:	REGIONS
HEAD OF UNIT:	D.VASSALLO
PROJECT LEADER:	-
DRAWN BY:	M.B.

DRAWING TITLE:
IL-MOSTA
p/o Triq il-Waqqafa SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
APRIL 2019	-	RD/244/19

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	10




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2022\Santa Venera\2022 Santa Venera.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION		DRAWING TITLE: SANTA VENERA po Triq San Ġorġ - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)	
HEAD OF UNIT: N.V.			
PROJECT LEADER: -	DATE: FEB 2022	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD60/22
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 2



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2022\Mgarr\2022 Mgarr.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: L-IMGARR po Triq San Pietru - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: Nov 2022	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD274/22	
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	PAGE NO: 11



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IŻ-ŻURRIEQ Triq Sant Andrija - SITE PLAN Extends of works aren't binding but indicative		
	HEAD OF UNIT: N.V.			
S:\Traffic Management\2023\Zurrieq\2023 Zurrieq.dwg	PROJECT LEADER: -	DATE: April 2023	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD148/23
	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 3

Nru. 860

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 860

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

L-IKLIN

Sqaq fi Triq il-Ħwawar, indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


TREJQET IL-FULIJA



MARSAXLOKK

Triq ġdida fi Triq l-Ixprunara, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ L-AWWISTA



MARSAXLOKK

Triq ġdida fi Triq ix-Xini, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ IL-BIMBU
OPRA TAL-BAĦAR



MARSAXLOKK

PROLUNGAMENT

Triq Dun Salv Gatt, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tiġi pprolungata.




MARSAXLOKK

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq Bir Rikka u tispiċċa k/m Triq it-8 ta' Mejju, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ ERKOLE

PORTUS HERCULIS

MOTTO TA' MARSAXLOKK



MARSAXLOKK

PROLUNGAMENT


Triq il-Ġifen, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tiġi pprolungata.



MARSAXLOKK

Triq ġdida fi Triq Lepanto, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ ĠUŻEPPI GRECH
ĦABRIEKI GĦAR-RAĦAL
1923 - 2010



MARSAXLOKK

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq il-Bimbu, imsemmija f'din in-Notifikazzjoni, u indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ L-ISKUNA



MARSAXLOKK

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq il-Patrijiet Terezjani u tispiċċa k/m Triq Delimara, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TREJQET
IL-MADONNA TAS-SILĠ



MARSAXLOKK

Sqaq Nru 3 fi Triq iż-Żejtun, li jibda k/m Triq iż-Żejtun sa k/m Triq Tonin Attard, indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

TRIQ IL-MARNISI



MARSAXLOKK

SANZJONAR

Triq komunement magħrufa bħala Triq Santu Kristu għandha tibda k/m Triq il-Kotob u tispiċċa k/m Triq Marsaxlokk, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ SANTU KRISTU



MARSAXLOKK

PROLUNGAMENT

Triq Tax-Xerriek, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, għandha tiġi pprolungata sa k/m Triq il-Kavallerizza.



Nru. 861

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 648 tad-19 ta' Mejju, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 861

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 648 dated 19th May, 2023, under the title 'Numbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following amendment in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻABBAR

1. TRIQ IL-BIĊĊIENI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
27	45
33	47

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
45	45
28	**45A**
47	47

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

It-23 ta' Ġunju, 2023

23rd June, 2023

Nru. 862

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 381 tal-24 ta' Mejju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 862

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 381 dated 24th May, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻABBAR

36. TRIQ IL-GĦASEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Nicholas Cottoner

Left side entering from Triq Nicholas Cottoner

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
22	63
Sit bla bini	65
Sit bla bini	67
Garaxx	69
Springfield	71

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Nicholas Cottoner

Right side entering from Triq Nicholas Cottoner

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
63, **Excelsior**	63		
Country View	**65**		
69 (Garaxx)	69		
71, Springfield	71		

* In-numru 67 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

66. TRIQ MONS G. ZARB

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Alessio Erardi

Left side entering from Triq Alessio Erardi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
34 (Garaxx)	13
Ġużeppi	15
Garaxx	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Alessio Erardi

Right side entering from Triq Alessio Erardi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
13 (Garaxx)	13
St Andrew's Court	**15**
17 (Garaxx)	17

It-23 ta' Ġunju, 2023

Nru. 863

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 708 tat-3 ta' Ottubru, 1997, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

23rd June, 2023

No. 863

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 708 dated 3rd October, 1997, under the title 'Renumbering of doors at Marsaskala', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

MARSASKALA

20. TRIQ IL-ĦUT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Silla

Left side entering from Triq is-Silla

Emendi – ***Amendments***

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Silla

Right side entering from Triq is-Silla

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	58
Garaxx	60

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
58 (Garaxx)	58
Daħla għall-garaxxijiet	**60**

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		60 (Daħla għall-garaxxijiet)	60

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Sub-Station	**62**
		Garaxx	**64**
		Ħanut	**66**
		Garaxx	**68**

38. TRIQ IL-QAWWARA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq id-Dolmen

Left side entering from Triq id-Dolmen

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq id-Dolmen

Right side entering from Triq id-Dolmen

Emendi – *Amendments*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Elena Court (1-6)	33		
Garaxx	35		
Bieb tal-ġenb	37		
Bini qed jinbena (Dar)	39		
Daniela	41		
Garaxx	43		
Aster	45		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
33, Elena Court	33		
35 (Garaxx)	35		
Garaxx	**37**		
Garaxx	**37A**		
Bieb bla numru	**37B**		
Garaxx	**39**		
Garaxx	**39A**		
Garaxx	**39B**		
Bieb bla numru	**39C**		
41, Daniela	41		
43 (Garaxx)	43		
Corsair Mais 1	**45**		

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Corsair Mais 1	45		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4	**47**		
Corsaire (Flettijiet)	**49**		
5	**51**		
Sunrise	**53**		

It-23 ta' Ġunju, 2023

23rd June, 2023

Nru. 864

KONTENITURI TAX-XORB GĦALL-ESPORTAZZJONI

BIS-SETGĦAT mogħtija bl-Artikolu 27 ta' Leġiżlazzjoni Sussidarja 549.134, ir-regolamenti tal-iskema tar-rifużjoni tal-kontenituri tax-xorb, Ekonomija Ċirkulari Malta (CEMalta) bħala r-regolatur nazzjonali tal-Iskema f'isem il-Gvern, ippubblikat il-Formola ta' Applikazzjoni 'Export vis-à-vis the Beverage Container Refund Scheme' (CEM 085) għal operaturi ekonomiċi li t-tranżazzjonijiet ekonomiċi tagħhom jinkludu esportazzjoni ta' kontenituri tax-xorb li jaqgħu taħt l-Iskema, fil-21 ta' Ġunju, 2023. Formoli ta' applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Aġenzija (https://cemalta.gov.mt/wp-content/uploads/2023/06/CEM-085.pdf). Applikazzjonijiet huma suġġetti għall-kontrolli u l-verifiki tal-Aġenzija.

It-23 ta' Ġunju, 2023

No. 864

BEVERAGE CONTAINERS FOR EXPORT

IN exercise of the powers conferred by Article 27 of Subsidiary Legislation 549.134, the beverage container recycling regulations, Circular Economy Malta (CEMalta) as the national regulator of the Beverage Container Refund Scheme on behalf of Government has herewith published the Application Form 'Export vis-à-vis the Beverage Container Refund Scheme' (CEM 085), for economic operators whose economic transactions include export of beverage containers falling within scope of the Scheme, on the 21st June, 2023. Application Forms may be downloaded from the Agency's website (https://cemalta.gov.mt/wp-content/uploads/2023/06/CEM-085.pdf). Applications shall be subject to the Agency's checks and verifications.

23rd June, 2023

Nru. 865

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
23.6.2023	€56.946	€0.679

It-23 ta' Ġunju, 2023

23rd June, 2023

No. 865

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Nru. 866

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikoltura approva li minn nhar l-Erbgħa, 5 ta' Lulju, 2023, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar 'il quddiem, u jkun taħt il-kontroll tal-MFA.

It-23 ta' Ġunju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 124

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023, mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq il-Vlontin, Triq l-Ewwel ta' Mejju u Triq Fleur-De-Lys;

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq Fleur-De-Lys, Triq San Elija, Triq A. Cuschieri u Triq Borg.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ġunju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 125

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

No. 866

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Wednesday, 5th July, 2023, from noon onwards, and will be under the control of MFA.

23rd June, 2023

POLICE NOTICE

No. 124

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Tuesday, 27th June, 2023, from 5.30 p.m. till 7.30 p.m., through Triq il-Vlontin, Triq l-Ewwel ta' Mejju and Triq Fleur-De-Lys;

On Saturday, 1st July, 2023, from 5.00 p.m. till 7.30 p.m., through Triq Fleur-De-Lys, Triq San Elija, Triq A. Cuschieri and Triq Borg.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd June, 2023

POLICE NOTICE

No. 125

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

L-Imsida

Nhar il-Ħamis, 20 ta' Lulju, 2023, mill-10.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Mikiel Anton Vassalli direzzjoni lejn l-Imsida mir-roundabout tas-Skate Park, se tkun magħluqa għat-traffiku.

Nhar il-Ħamis, 20 ta' Lulju, 2023, mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m. ix-Xatt tal-Imsida minn Mamma Mia restaurant direzzjoni lejn Triq d'Argens, se jkun magħluq għat-traffiku.

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2023, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq il-Wied tal-Imsida direzzjoni lejn Triq D'Argens, u mill-Iskate park direzzjoni lejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida, se tkun magħluqa għat-traffiku.

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2023, mit-8.30 p.m. sal-10.00 p.m., mix-Xatt ta' Ta' Xbiex direzzjoni lejn l-Imsida;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mit-8.00 p.m. sad-9.30 p.m., traffiku se jitwaqqaf minn Triq il-Wied lejn il-knisja, Xatt tal-Imsida u Triq Mikiel Anton Vassalli lejn l-Imsida;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m., marċ tal-banda/purċissjoni minn dawn it-toroq: Triq San Alwiġi, Triq Sant' Antnin, Triq D'Argens, Triq Mons Dandria, Triq il-Knisja, Triq Antonio Sciortino u x-Xatt Ta' Xbiex lejn il-knisja parrokkjali tal-Imsida;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Abate Rigord, direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Ta' Xbiex se tkun magħluqa għat-traffiku;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mis-7.00 p.m. 'il quddiem, traffiku li ġej mix-Xatt ta' Ta' Xbiex, fid-direzzjoni tal-Imsida, se jiġi iddevjat lejn Triq Abate Rigord, lejn Triq il-Prinċipessa Margaret u lejn Triq Testaferrata;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Mikiel Anton Vassalli direzzjoni l-Imsida mir-roundabout tas-Skate Park, se tkun magħluqa għat-traffiku u iddevjat lejn il-mini ta' Santa Venera jew Triq Dun Karm, Birkirkara;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mit-8.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Kunċizzjoni mix-Xatt tal-Imsida direzzjoni lejn Triq d'Argens, se tkun magħluqa għat-traffiku;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mill-10.30 a.m. sas-2.30 p.m., mix-Xatt ta' Ta' Xbiex direzzjoni lejn Msida, se tkun magħluqa għat-traffiku;

Msida

On Thursday, 20th July, 2023, from 10.00 p.m. till midnight, through Triq Mikiel Anton Vassalli direction towards Msida from Skate Park roundabout, will be closed for traffic;

On Thursday, 20th July, 2023, from 8.30 p.m. till 9.30 p.m., Xatt tal-Imsida from Mamma Mia restaurant direction towards Triq d'Argens, will be closed for traffic;

On Friday, 21st July, 2023, from 9.00 p.m. till midnight, through Triq il-Wied tal-Imsida direction towards Triq D'Argens, and Skate Park direction towards Msida Local Council, will be closed for traffic;

On Friday, 21st July, 2023, from 8.30 p.m. till 10.00 p.m., through Ta' Xbiex seafront direction towards Msida;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 8.00 p.m. till 9.30 p.m., traffic will be stopped from Triq il-Wied towards the church, Msida seafront, and Triq Mikiel Anton Vassalli towards Msida;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 8.00 p.m. till 11.30 p.m., band march/procession through these streets: Triq San Alwiġi, Triq Sant'Antnin, Triq D'Argens, Triq Mons Dandria, Triq il-Knisja, Triq Antonio Sciortino and Xatt Ta' Xbiex towards Msida parish church;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 6.00 p.m. till midnight, through Triq Abate Rigord, direction towards Ta' Xbiex Seafront will be closed for traffic;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 7.00 p.m. onwards, incoming traffic proceeding from Ta' Xbiex Seafront, in the direction of Msida, will be diverted up towards Triq Abate Rigord, towards Triq il-Prinċipessa Margaret and towards Triq Testaferrata;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 8.00 p.m. till midnight, through Triq Mikiel Anton Vassalli direction Msida from the Skate Park roundabout, will be closed for traffic and diverted towards Santa Venera tunnels or Triq Dun Karm, Birkirkara;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 8.00 p.m. till midnight, through Triq il-Kunċizzjoni from Msida seafront direction towards Triq d'Argens, will be closed for vehicular traffic;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 10.30 a.m. till 2.30 p.m., Ta' Xbiex Seafront direction towards Msida, will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mill-11.00 a.m. sal-4.00 p.m., Triq Mikiel Anton Vassali, Msida direzzjoni lejn l-Imsida mir-roundabout tas-Skate Park, se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 11.00 a.m. till 4.00 p.m., Triq Mikiel Anton Vassali, direction Msida from the Skate Park roundabout, will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, Triq il-Kunċizzjoni, mix-Xatt tal-Imsida Seafront direzzjoni lejn Triq d'Argens, se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023, Triq il-Kunċizzjoni, from Msida Seafront direction towards Triq d'Argens, will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mill-11.00 a.m. sat-3.00 p.m., mix-Xatt ta' Ta' Xbiex direzzjoni lejn l-Imsida, se tkun magħluqa għat-traffiku. F'dawn it-toroq se jkun hawn żoni ta' rmonk:

On Sunday, 23rd July, 2023, from 11.00 a.m. till 3.00 p.m., through Ta' Xbiex Seafront direction towards Msida, will be closed for traffic. These streets will be subject to towing:

Triq Kunċizzjoni, Xatt ta' Xbiex direzzjoni lejn Triq A. Sciortino, Triq il-Knisja, Triq Mons Dandria, Triq il-Makna tas-serrar u Triq D'Argens lejn il-każin tal-banda;

Triq il-Kunċizzjoni, Xatt ta' Xbiex direction towards Triq A. Sciortino, Triq il-Knisja, Triq Mons Dandria, Triq il-Makna tas-Serrar and Triq D'Argens towards the band club;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 6.00 p.m. onwards, through Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, direction towards Ta' Xbiex Seafront, will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, it-traffiku li ġej mix-Xatt ta' Ta' Xbiex, fid-direzzjoni tal-Imsida, se jkun iddevjat lejn Triq Abate Rigord, lejn Triq il-Prinċipessa Margaret u lejn Triq Testaferrata;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 6.00 p.m. onwards, incoming traffic proceeding from Ta' Xbiex Seafront, in the direction of Msida, will be diverted up towards Triq Abate Rigord, towards Triq il-Prinċipessa Margaret and towards Triq Testaferrata;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, minn, Triq Mikiel Anton Vassalli direzzjoni lejn l-Imsida mir-roundabout tas-Skate Park u x-Xatt tal-Imsida, se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 6.00 p.m. onwards, through Triq Mikiel Anton Vassalli direction towards Msida from the Skate Park roundabout and Msida Seafront, will be closed for vehicular traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, minn, Triq il-Kunċizzjoni mix-Xatt tal-Imsida direzzjoni lejn Triq d'Argens, se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 6.00 p.m. onwards, through Triq il-Kunċizzjoni from Msida Seafront direction towards Triq d'Argens will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-7.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Wied direzzjoni lejn l-Imsida se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 7.00 p.m. onwards, through Triq il-Wied direction towards Msida will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mit-8.00 p.m. 'il quddiem, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà, direzzjoni lejn l-Imsida, se tkun magħluqa għat-traffiku;

On Sunday, 23rd July, 2023 from 8.00 p.m. onwards, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà, direction towards Msida, will be closed for traffic;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-6.30 p.m. 'il quddiem, traffiku li ġej minn Triq Reġjonali, mir-roundabout tal-Kappara direzzjoni lejn l-Imsida se tkun iddevjat lejn ir-roundabout tas-Skate Park u l-Mini ta' Santa Venera u Triq Dun Karm, Birkirkara;

On Sunday, 23rd July, 2023 from 6.30 p.m. onwards traffic coming from Triq Reġjonali, from Kappara roundabout direction Msida, will be diverted towards the Skate Park roundabout and Santa Venera Tunnels and Triq Dun Karm, Birkirkara;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, purċissjoni se tibda fis-7.00 p.m. u se tgħaddi mit-toroq li ġejjin li se jkollhom żoni ta' rmonk – ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Triq Bosio, Triq Naudi, Triq D'Argens, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Wied, ix-Xatt

On Sunday, 23rd July, 2023 evening procession will commence at 7.00 p.m. and will go through these streets which will be considered as tow zones: Xatt ta' Ta' Xbiex, Triq Bosio, Triq Naudi, Triq D'argens, Triq il-Kunċizzjoni,

tal-Imsida, Triq il-Baċir, Triq Clarence, Triq Qrejten, Misraħ Ġużè Ellul Mercer u l-knisja parrokkjali;

Mid-9.30 p.m. sal-10.15 p.m. Triq il-Baċir, Triq Clarence u Triq Qrejten se jkunu magħluqa.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ġunju, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 126

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Balzan

Minn nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju, 2023, fid-9.30 a.m., sat-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023, fis-1.00 p.m., minn Triq il-Kbira (kantuniera ma' Triq Robert Mifsud Bonniċi, Ħal Lija) sa Pjazza Bertu Fenech.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Lulju, 2023, mill-4.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Fleur-De-Lys, Triq Sant'Antnin, Triq A. Cuschieri, Triq Borg u Trejqet Fleur-De-Lys.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Lulju, 2023, mis-7.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Misraħ ir-Repubblika,Triq il-Kbira, Triq San Leopoldu, Misraħ San Lazzru, Triq San Pietru, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti u Triq il-Profs P. P. Saydon;

Nhar it-Tnejn, 17 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Misraħ ir-Repubblika, Triq San Mikiel, Triq Don Carlo de Giovanni Inglott, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq Ġwanni Saliba, Triq l-Isqof Alpheran (parti), Triq Donato del Piano, Triq is-Superjur Manuel Camilleri, Triq Filippu Farrugia, Triq is-Sindku, Triq il-Kbira, Misraħ Mattia Preti u Triq il-Profs P. P. Saydon;

Triq il-Wied, Xatt tal-Msida, Triq il-Baċir, Triq Clarence, Triq Qrejten, Misraħ Ġużè Ellul Mercer and parish church.

From 9.30 p.m. till 10.15 p.m. Triq il-Baċir, Triq Clarence and Triq Qrejten will be closed.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

23rd June, 2023

POLICE NOTICE

No. 126

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 u Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit u stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates u times indicated.

Ħal Balzan

From Tuesday, 4th July, 2023, at 9.30 a.m., till Monday, 10th July, 2023, at 1.00 p.m., through Triq il-Kbira (corner with Triq Robert Mifsud Bonniċi, Ħal Lija) till Pjazza Bertu Fenech.

Public transport will be affected.

Birkirkara

On Sunday, 2nd July, 2023, from 4.00 p.m. till 11.30 p.m., through Triq Fleur-De-Lys, Triq Sant'Antnin, Triq A. Cuschieri, Triq Borg and Trejqet Fleur-De-Lys.

Public transport will be affected.

Żurrieq

On Sunday, 16th July, 2023, from 7.00 a.m. till 3.00 p.m. through Misraħ ir-Repubblika,Triq il-Kbira, Triq San Leopoldu, Misraħ San Lazzru, Triq San Pietru, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti and Triq il-Profs P. P. Saydon;

On Monday, 17th July, 2023, from 5.00 p.m. till 1.00 a.m., through Misraħ ir-Repubblika, Triq San Mikiel, Triq Don Carlo de Giovanni Inglott, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq Ġwanni Saliba, Triq l-Isqof Alpheran (part of), Triq Donato del Piano, Triq is-Superjur Manuel Camilleri, Triq Filippu Farrugia, Triq is-Sindku, Triq il-Kbira, Misraħ Mattia Preti and Triq il-Profs P. P. Saydon;

Nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Misraħ ir-Repubblika (l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq), Triq Santa Katarina, Triq San Pawl, Vjal il-Blue Grotto (parti), Triq Pietru Pawl Pullicino, Triq il-Qrendi, Triq iċ-Ċombini, Triq l-Inġiniera, Triq il-Kbira, Misraħ Mattia Preti u Triq il-Profs P. P. Saydon;

Nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Misraħ Mattia Preti, Triq il-Profs P. P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika,

Nhar il-Ħamis, 20 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Kunċizzjoni, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq it-Tjieba, Triq San Bartilmew, Triq il-Ħaddiema, Triq Mattia Preti u Triq il-Profs P. P. Saydon;

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sat-3.00 a.m., minn Triq il-Barrieri (intersection Trejqet in-Nigret), Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Leopoldu, Triq Lazzru, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Profs P. P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika u Triq il-Kbira;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023, mill-5.00 p.m. sat-3.00 a.m., minn Triq l-Imqabba, Triq Napuljun, Triq il-Qrendi, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Profs P. P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika u Triq Dun Ġużepp Zammit;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mis-7.00 a.m. sas-6.00 p.m., minn Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Profs P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Misraħ San Lazzru, Triq il-Warda, Triq San Ġwann, Triq il-Kbira u Misraħ Mattia Preti;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, 2023, mit-3.00 p.m. sat-3.00 a.m., minn Triq Dun Vinċenz Schembri, Triq il-Bronja, Triq San Mikiel, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Profs P. P. Saydon, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Qrendi (intersection Vjal il-Blue Grotto), Triq il-Ħaddiema u Triq il-Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ġunju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 105 of 2023

Barkun irmiġġat f'Manoel Island għall-Mediterranean Film Festival

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li barkun ċatt assoċjat mal-Mediterranean Film Festival se jkun irmiġġat f'Manoel Island quddiem il-

On Tuesday, 18th July, 2023, from 5.00 p.m. till 1.00 a.m., through Misraħ ir-Repubblika (Żurrieq Police Station), Triq Santa Katarina, Triq San Pawl, Vjal il-Blue Grotto (part of), Triq Pietru Pawl Pullicino, Triq il-Qrendi, Triq iċ-Ċombini, Triq l-Inġiniera, Triq il-Kbira, Misraħ Mattia Preti u Triq il-Profs P. P. Saydon;

On Wednesday, 19th July, 2023, from 5.00 p.m. till 2.00 a.m., through Misraħ Mattia Preti, Triq il-Profs P. P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika;

On Thursday, 20th July, 2023, from 5.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Kunċizzjoni, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq it-Tjieba, Triq San Bartilmew, Triq il-Ħaddiema, Triq Mattia Preti and Triq il-Profs P. P. Saydon;

On Friday, 21st July, 2023, from 5.00 p.m. till 3.00 a.m., through Triq il-Barrieri (intersection Trejqet in-Nigret), Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Leopoldu, Triq Lazzru, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Profs. P. P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika and Triq il-Kbira;

On Saturday, 22nd July, 2023, from 5.00 p.m. till 3.00 a.m., through Triq l-Imqabba, Triq Napuljun, Triq il-Qrendi, Triq il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Profs P. P. Saydon, Misraħ ir-Repubblika and Triq Dun Ġużepp Zammit;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 7.00 a.m. till 6.00 p.m., through Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Profs P. P. Saydon, Triq il-Ħaddiema, Misraħ San Lazzru, Triq il-Warda, Triq San Ġwann, Triq il-Kbira and Misraħ Mattia Preti;

On Sunday, 23rd July, 2023, from 3.00 p.m. till 3.00 a.m., through Triq Dun Vinċenz Schembri, Triq il-Bronja, Triq San Mikiel, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Profs P. P. Saydon, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Qrendi (intersection Vjal il-Blue Grotto), Triq il-Ħaddiema and Triq il-Kbira.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd June, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 105 of 2023

Barge moored at Manoel Island for Mediterranean Film Festival

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a flat barge associated with Mediterranean Film Festival will be moored at Manoel Island in front of

Fortizza Manoel, kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-barkun se jkun irmiġġat fil-pożizzjoni nhar is-Sibt, 24 ta' Ġunju, 2023, u jitneħħa l-Ħadd, 2 ta' Lulju, 2023.

Il-barkun li għandu tul totali ta' 40 metru se jkun irmiġġat stern-to, u se jintuża bħala pjattaforma tal-inżul li minnha l-passiġġieri jkunu jistgħu jimbarkaw jew jinżlu. Il-barkun jibqa fil-pożizzjoni il-ħin kollu, u se jesibixxi dawl fl-aktar parti 'l barra tal-barkun.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa ħafna u jagħtu lill-barkun spazju wiesa' ta' mill-inqas 70 metru mid-dawra kollha.

Barra minn hekk, għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-23 ta' Ġunju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 106 of 2023

Xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq skal fix-Xatt ta' Spinola fil-Bajja ta' San Ġiljan

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq l-iskal fix-Xatt ta' Spinola fil-Bajja ta' San Ġiljan.

Ix-xogħlijiet se jibdew nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju, 2023 u jitlestew sas-Sibt, l-1 ta' Lulju, 2023.

Uħud mix-xogħlijiet se jsiru wkoll mill-bugħaddasa li se jkunu qed itajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Minħabba dan ta' hawn fuq, l-iskal imsemmij hawn fuq mhux se jkun aċċessibbli waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet. Distanza ta' sigurtà ta' 20m mill-iskal għandha tinżamm il-ħin kollu.

Il-baħħara u s-sidien tal-bastimenti għandhom jipproċedu b'veloċità baxxa ħafna (mingħajr rima) meta jinnavigaw qrib iż-żona u għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart Affettwata: BA 177

It-23 ta' Ġunju, 2023

Fortizza Manoel, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The barge will be moored in position on Saturday, 24th June, 2023, and removed on Sunday, 2nd July, 2023.

The flat barge which has an overall length of 40 meters will be berthed stern-to. The barge will be used as a landing platform from which passengers will be able to embark or disembark. It will remain in position for the whole duration, and it will exhibit a light at the most seaward section of the barge.

Mariners and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution, at very slow speed and give the barge a wide berth of at least 70 metres all round.

Moreover, they are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

23rd June, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 106 of 2023

Maintenance works on slipway at Ix-Xatt ta' Spinola in Il-Bajja ta' San Ġiljan

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that maintenance works will be carried out on the slipway at Ix-Xatt ta' Spinola in Il-Bajja ta' San Ġiljan.

The works will start on Friday, 30th June, 2023 and will be completed by Saturday, 1st July, 2023.

Some of the works will also be carried out by scuba divers who will be displaying the International Code of Signals Flag 'A', while works are being carried out.

Due to the above, the slipway mentioned above will not be accessible while the works are being carried out. A safety distance of 20m from the slipway is to be kept at all times.

Mariners and owners of vessels are to proceed at very low speed (no wake) when navigating close to the area and are to co-operate with the contractor on site.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

23rd June, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 107 of 2023

Logħob tan-Nar – Festa Madonna tas-Sacro Cuor – Tas-Sliema – 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-Baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar fid-Daħla ta' Tas-Sliema, il-Port ta' Marsamxett.

Il-logħob tan-nar tal-ajru se jinħaraq mill-punti A u B, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Lulju, 2023, mid-9.00 a.m. sad-9.15 a.m., minn nofsinhar san-12.30 p.m., mis-6.15 p.m. sas-7.15 p.m., u mid-9.30 p.m. sal-11.30 p.m;

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Lulju, 2023, mid-9.00 a.m. sad-9.15 a.m., minn nofsinhar san-12.30 p.m., u mis-6.45 p.m. sal- 10.00 p.m.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma infurmati li n-navigazzjoni sa 200 metru mill-pożizzjonijiet A u B, fil-Port ta' Marsamxett se tkun ipprojbita fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

L-inġenji kollha rmiġġati fiż-żona indikata (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) għandhom jitneħħew fid-dati u l-ħinijiet tal-logħob tan-nar imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-ħruq tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart Affettwata: BA 177

It-23 ta' Ġunju, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 107 of 2023

Fireworks Display – Feast of Our Lady of Sacro Cuor – Tas-Sliema – 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that firework displays will be let off in Id-Daħla ta' Tas-Sliema, Marsamxett Harbour.

Aerial fireworks will be let off from points A and B, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the following dates and times:

On Saturday, 1st July, 2023, from 9.00 a.m. till 9.15 a.m., from noon till 12.30 p.m., from 6.15 p.m. till 7.15 p.m., and from 9.30 p.m. till 11.30 p.m;

On Sunday, 2nd July, 2023, from 9.00 a.m. till 9.15 a.m., from noon till 12.30 p.m., and from 6.45 p.m. till 10.00 p.m.

In view of the above, mariners are informed that navigation within 200 meters from positions A and B, in Marsamxett Harbour will be prohibited on the mentioned dates and times.

All craft moored within the indicated area (as shown on the chartfound on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed on the above-mentioned dates and times of the fireworks displays.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart Affected: BA 177

23rd June, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 108 of 2023

Logħob tan-Nar mix-Xatt 'il barra mill-Fortizza Manoel – 30 ta' Ġunju, 2023

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jinħaraq logħob tan-nar mix-xatt tal-Fortizza Manoel nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju, 2023. Il-logħob tan-nar se jkun iċċentrat fil-Punt A (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 108 of 2023

Fireworks Display from the Foreshore off Il-Fortizza Manoel – 30th June, 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a fireworks display will be let off from the foreshore of Il-Fortizza Manoel on Friday, 30th June, 2023. The display will be centred at Point A (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.223	14° 30'.469

Il-logħob tan-nar se jinħaraq mit-8.30 p.m. u nofsillejl.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 150 metru 'l bogħod minn punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajjes irmiġġati jew ankrati fiż-żona murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-ħruq tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 150m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali ta' infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

It-23 ta' Ġunju, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 109 of 2023

B'żieda ma' Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 8, 25, 86 u 93 tal-2023 dwar żoni ristretti madwar Malta minħabba l-periklu minn ġebel li jaqa'

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li, b'żieda ma' Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 8, 25, 86 u 93 tal-2023 dwar żoni ristretti madwar Malta minħabba l-periklu minn ġebel li jaqa', iż-żona li ġejja għandha tiżdied mal-lista.

Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa – Iż-żona A, B, C, D, E, u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-kundizzjonijiet u l-pariri kollha msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 8 tal-2023 se jibqgħu validi u japplikaw għal din iż-żona wkoll.

Chart affettwata: BA 2537, 2538

It-23 ta' Ġunju, 2023

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.223	14° 30'.469

The fireworks display will take place from 8.30 p.m. till midnight.

In view of the above, mariners are advised to keep 150 metres away from point A on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed or anchored within the area shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the above-mentioned date and time.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 150m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officers on site.

Chart affected: BA 177

23rd June, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 109 of 2023

Further to Local Notice to Mariners Nos 8, 25, 86 and 93 of 2023 regarding restricted areas round Malta due to danger of falling rocks

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that further to Local Notice to Mariners Nos 8, 25, 86 and 93 of 2023 regarding restricted areas round Malta due to danger of falling rocks, the following area is to be added to the list.

Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa – The area A, B, C, D, E, and the intermediate coastline, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

All conditions and advice mentioned in Local Notice to Mariners No. 8 of 2023, will remain valid and will apply to this area also.

Chart affected: BA 2537, 2538

23rd June, 2023

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Resource Leader, Accounts u Finanzi, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 455/2023

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Resource Leader, Accounts u Finanzi, full-time, b'kuntratt indefinit.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET), jew ekwivalenti, jew ogħla, bl-accounting bħala qasam ewlieni tal-istudji*.

U

2. Minimu ta' Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż, ĊES (Gradi 1-5) jew GCE (Gradi A-C), jew ekwivalenti.

U

3. Kompetenza għolja fl-applikazzjonijiet tal-ICT, inklużi spreadsheets u databases. L-għarfien u l-esperjenza fl-użu tas-sistema elettronika tal-akkwist pubbliku (ePPS) jkunu ta' vantaġġ.

Applikanti b'esperjenza ta' xogħol preċedenti fil-kumpilazzjoni tal-management accounts u/jew fl-akkwist u l-immaniġġjar ta' riżorsi materjali u/jew pagi jiġu ppreferuti.

*Nota:

i. Applikazzjonijiet minn kandidati bi kwalifika tal-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 ECTS/ECVET) fl-accountancy jiġu kkunsidrati jekk ma jinstabux kandidati xierqa b'Livell 6 tal-MQF. Jekk jintgħażel kandidat jew kandidata b'Livell 5 tal-MQF, tingħaqad mal-Aġenzija fir-rwol ta' Uffiċjal, Accounts u Finanzi.

ii. Applikazzjonijiet minn kandidati bil-Livell 4 tal-MQF (Advanced Levels fl-Accounting u xi suġġett ieħor, it-tnejn Gradi A sa C, JEW Advanced Diploma in Accounting b'120 ECTS/ECVET JEW ekwivalenti) jiġu kkunsidrati jekk ma jinstabux kandidati xierqa b'Livell ogħla tal-MQF. Jekk jintgħażel, kandidat jew kandidata b'Livell 4 tal-MQF tingħaqad mal-Aġenzija fir-rwol ta' Accounts Assistant.

iii. F'kull każ, kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki speċifikati f'1, jew inkella skont in-noti (i) u (ii) hawn fuq, xorta jiġu kkunsidrati jekk jissottomettu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors tagħhom li jwassal għal tali

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for full-time Resource Leader, Accounting and Finance, within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 455/2023

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Resource Leader, Accounting and Finance, full-time on an indefinite contract.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET), or equivalent, or higher, with accountancy as a major area of studies*.

AND

2. A minimum of MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5) or GCE (Grades A-C), or equivalent.

AND

3. High competency in ICT applications, including spreadsheets and databases. Knowledge and experience in the use of the electronic public procurement system (ePPS) will be of advantage.

Applicants with previous work experience in the compilation of management accounts and/or in the procurement and management of material resources and/or payroll will be preferred.

*Note:

i. Applications from candidates with MQF Level 5 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET) in accountancy will be considered if no suitable candidates with MQF Level 6 are found. If successful in the selection process, a candidate with MQF Level 5 will join the Agency in the role of Officer, Accounting and Finance.

ii. Applications from candidates with MQF Level 4 (Advanced Levels in Accounting and any other subject, both Grades A to C, OR Advanced Diploma in Accounting with 120 ECTS/ECVET OR equivalent) will be considered if no suitable candidates with a higher MQF Level are found. If successful in the selection process, a candidate with MQF Level 4 will join the Agency in the role of Accounts Assistant.

iii. In any case, candidates who have not yet formally obtained the qualifications specified in 1, or else as per notes (i) and (ii) above, will still be considered if they submit evidence that they are in the final phase of their course

kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jiksbu tali kwalifika, jew ikunu approvati għall-kisba tagħha, sal-31 ta' Ottubru, 2023. Jekk din l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tkun mitmuma awtomatikament.

Il-kwalifiki u l-esperjenza għandhom ikunu msieħba b'ċertifikati u/jew testimonjanzi. Kopji ta' dawn għandhom jinthemżu mal-applikazzjoni. Kopji elettroniċi huma aċċettabbli. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

Deskrizzjoni dettaljata tal-irwol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg jinkisbu minn (https://educationservices.gov.mt/nla), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 5 ta' Lulju, 2023, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-23 ta' Ġunju, 2023

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Promotur tal-Litteriżmu permezz tal-Isports (full-time, kuntratt definit), mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 456/2023

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tal-Litteriżmu permezz tal-Isports, full-time, b'kuntratt definit.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Diploma UEFA C jew kwalifika ta' kowċ tal-futbol rikonoxxuta ekwivalenti jew ogħla*;

leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by 31st October, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Wednesday, 5th July, 2023 at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

23rd June, 2023

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for full-time Enhancing Literacy through Sports Resource Leader within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 456/2023

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Enhancing Literacy through Sports Resource Leaders, full-time on a definite contract.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. UEFA C Diploma or equivalent or higher recognised coaching qualification*;

2. Mill-inqas ħames (5) snin esperjenza bħala plejer tal-futbol;

3. Mill-inqas 3 snin esperjenza bħala kowċ fil-futbol;

4. Esperjenza ta' mill-inqas sena bħala plejer jew kowċ mat-tim nazzjonali tal-futbol;

5. ĊES (Gradi 1-5) fil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika, u suġġett ieħor, preferibbilment suġġett tax-xjenza, jew ekwivalenti, jew ogħla;

6. Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT fil-Livell tal-ECDL speċjalment Word u email, jew ekwivalenti;

7. Ħakma tajba tal-Malti u l-Ingliż, mitkellma u miktuba;

8. Ċertifikat validu tal-First Aid. Dawk il-kandidati li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jiġu kkunsidrati wkoll iżda jkollhom jagħmlu kors tal-First Aid fl-iqsar żmien possibbli.

*Applikanti bi kwalifika postsekondarja jew terzjarja akkreditata f'oqsma sportivi jew relatati mal-isport jingħataw preferenza.

Il-kwalifiki u l-esperjenza għandhom ikunu msieħba b'ċertifikati u/jew testimonjanzi. Kopji ta' dawn għandhom jinthemżu mal-applikazzjoni. Kopji elettroniċi huma aċċettabbli. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

Deskrizzjoni dettaljata tar-rwol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg jinkisbu minn (https://educationservices.gov.mt/nla), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt, jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 5 ta' Lulju, 2023, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-23 ta' Ġunju, 2023

2. At least five (5) years experience as a footballer;

3. At least 3 years coaching experience in football;

4. Experience of at least one year as a player or coach with the national football team;

5. SEC (Grades 1-5) in Maltese, English and Maths, and another subject, preferably a science subject, or equivalent, or higher;

6. Competency in IT applications at ECDL Level especially Word and email, or equivalent;

7. Fluency in Maltese and English, spoken and written;

8. Hold a First Aid certificate course. Candidates who do not possess this certificate will be also considered but they will have to undertake a First Aid course at the first available opportunity.

*Applicants with accredited post-secondary or tertiary qualification in sports or sports related fields will be given preference.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by registered post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Wednesday, 5th July, 2023 at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.

23rd June, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) biex iwettaq dmirijiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Accounting and Finance), li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (a) jew (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2023 huwa ta' €20,270.04 fis-sena, li jiżdied bi €354 fis-sena sa massimu ta' €22,394.04.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2023 hija ekwivalenti għal €21,630 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €23,881.02, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(b), f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) mid-data tal-ħatra, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija.

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) fis-sena 2023 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad/pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) to carry out duties at the Gozo General Hospital within the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1(a) or (c) is Salary Scale 12, which in the year 2023 is equivalent to €20,270.04 per annum, rising by annual increments of €354 up to a maximum of €22,394.04.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2023 is equivalent to €21,630 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €23,881.02 on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (b), in not more than two (2) years from the date of appointment, in failure of which, appointment would be relinquished.

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (b) will be placed in Salary Scale 11, which will progress to Scale 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) in the year 2023 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a

kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-linji maniġerjali/ta' uffiċjal/ prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Accounting and Finance, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) jinkludu li:

i. Iwettaq dmirijiet relatati ma' tranżazzjonijiet ta' flus kontanti u ċekkijiet u 'direct debits', u l-ipproċessar f'waqtu ta' tranżazzjonijiet, verifiki, rekordjar, aġġustamenti, rendikont u rikonċiljazzjoni;

ii. Jassigura li l-approvazzjonijiet ikunu disponibbli qabel l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet, u li l-ammont imħallas ikun korrett u skont il-proċedura;

iii. Jieħu ħsieb b'mod bażiku ż-żamma tal-kotba u jassisti fit-tħejjija taż-żamma ta' kontijiet bħalma huma bilanċi tar-reġistru u sottomissjonijiet oħra rilevanti;

iv. Jassisti fil-kumpilazzjoni ta' pubblikazzjonijiet u rapporti;

v. Jassisti fl-ippjanar u l-kontroll ta' baġit taħt superviżjoni, filwaqt li jressaq materji rilevanti għall-attenzjoni tal-uffiċjal li jkun qed jagħmel is-superviżjoni kif ikun neċessarju. Dan jinkludi r-reviżjonijiet tal-baġits proposti u l-verifika tal-line items u l-infiq kollu biex tiġi żgurata l-eżattezza;

vi. Jivvaluta, taħt superviżjoni, virements fi ħdan il-voti kif ukoll talbiet għal fondi addizzjonali u l-estimi riveduti;

specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the managerial/officer/practitioners streams must have served in their current post, and if appointed are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Accounting and Finance, in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) include:

i. Carries out duties related to cash, cheque and direct debit transactions, including the timely processing of transactions, verifications, recording, adjustments, tracking and reconciliation;

ii. Ensures that approvals are available before processing transactions, that amounts paid are correct and that procedure is followed;

iii. Deals with basic book keeping and assists in the preparation of accounts, such as ledger balances and other relevant submissions;

iv. Assists in the compilation of publications and reports;

v. Assists in budget planning and control under supervision, while bringing relevant matters to the attention of the supervising officer as necessary. This includes reviewing proposed budgets and verifying all line items and expenditures to ensure accuracy;

vi. Assesses under supervision, virements within the votes as well as requests for additional funding and the revised estimates;

vii. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' implimentazzjoni ta' proġetti inklużi proċessi ddelegati, u għall-indentifikazzjoni ta' titjib tal-proċess għal raġuni ta' simplifikazzjoni, innovazzjoni u valur miżjud;

viii. Iżomm ruħu aġġornat ma' standards ta' accounting, legiżlazzjoni finanzjarja u politiki tal-Gvern;

ix. Iżomm ruħu aġġornat ma' sistemi bażiċi ta' accounting, proċeduri u applikazzjonijiet, u jsegwi taħriġ kif jintalab jagħmel;

x. Jikkordina u jipparteċipa f'laqgħat, iżomm il-minuti tal-laqgħat u jara li l-azzjoni meħtieġa titwettaq;

xi. Jassisti f'ħidmiet ta' kuljum, li jinkludu l-immaniġġjar u d-distribuzzjoni ta' korrispondenza u talbiet għall-informazzjoni, iżomm ir-rekords, kif ukoll l-inputtjar u l-aġġornament ta' informazzjoni bbażata fuq sistemi tal-kompjuter u databases;

xii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha kif jista' jkun meħtieġ;

xiii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

vii. Contributes to the development of project implementation including delegated processes, and to the identification of process improvements for simplification, innovation and added value;

viii. Keeps abreast with accounting standards, financial legislation and Government policies;

ix. Keeps abreast with basic accounting systems, procedures and applications, and follows training as directed;

x. Coordinates and participates in meetings, takes minutes and follows up on required actions;

xi. Assists in day-to-day operations, including the management and distribution of correspondence and queries, record keeping, as well as inputting and updating of computer-based information and databases;

xii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary;

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta'

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals)

Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'. Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

U

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Madankollu, il-kandidati li ma jissodisfawx l-abbiltà li jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u ma jkollhomx mill-inqas Livell 1 tal-MQF fil-lingwa Maltija, iridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mil-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors flimkien mal-kisba tal-Livell 1 tal-MQF għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien sitt (6) xhur mill-ingaġġ; B'hekk, uffiċjali impjegati li ma jiksbux dan iċ-ċertifikat fi żmien ta' prova ta' sitt (6) xhur, jingħataw estensjoni ta' darba ta' żmien ta' prova għal perjodu ta' sitt (6) xhur biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat.

Jekk il-persuna tonqos milli tippreżenta evidenza li għaddiet il-kors b'suċċess u attendiet sal-aħħar tal-perjodu ta' prova (jiġifieri tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ), awtomatikament tintilef il-kariga msemmija hawn fuq.

U

iii. a. (i) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Accountancy jew Diploma professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 4 tal-MQF f'Accountancy.

JEW

Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'. The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

ii. able to communicate in Maltese and English languages. However, candidates who do not satisfy the ability to communicate in Maltese language and do not possess at least an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese language 1', course offered by the Institute of Public Services. Attendance to such course together with the attainment of MQF Level 1, are to be completed before the confirmation of appointment i.e. within six the (6) months of engagement; Therefore officers engaged who would not have obtained this certification within the probationary period of six (6) months will be given a one time extension of their probationary period for a period of six (6) months to successfully obtain this certification.

Failure to present evidence of successful pass and attendance by the end of probationary period (i.e. twelve (12) months from engagement) will result in automatic termination of the post in caption.

AND

iii. a. (i) in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or Accountancy or a recognised comparable professional Diploma at MQF Level 4 in Accountancy.

OR

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*) f'Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Accountancy jew Diploma professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF f'Accountancy.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fl-Accountancy) u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fil-Pure Mathematics), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom jinkludi pass fl-Accountancy).

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF kwalifika jew żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, kif indikat fil-4.1 (iii) (a) u (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-ħatra, dawk appuntanti jridu jintrabtu li jlestu b'suċċess kwalifika rikonoxxuta f'qasam relatat fil-Livell 5 tal-MQF, f'perjodu ta' mhux aktar tard minn sentejn (2), biex jipprogressaw għal Skala ta' Salarju 11, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija. Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF kif indikat f'paragrafu 4.1 (iii) (b) f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVETS credits, or equivalent*) in Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or Accountancy or a recognised comparable professional Diploma at MQF Level 5 in Accountancy.

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

OR

c. (i) in possession of two (2) subjects at Advanced Level (one of which must include a pass in Accountancy) and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (one of which must include a pass in Pure Mathematics), or a recognised comparable qualification.

OR

(ii) in possession of three (3) subjects at Advanced Level (one of which must include a pass in Accountancy).

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4 qualification or two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level, or in possession of three (3) subjects at Advanced Level, or a recognised comparable qualification as indicated in 4.1 (iii) (a) and (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On appointment, appointees will bind themselves to successfully complete a recognised qualification in a related area at MQF Level 5, in not more than two (2) years, to progress to Salary Scale 11, in failure of which they would relinquish their appointment. Upon possession of a relevant Diploma at MQF Level 5 as indicated in paragraph 4.1 (iii) (b) in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions enshrined in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still

fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) sa 4.1 (iii) (c) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) (a) sa 4.1(iii) (c) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala

be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

